# RAKKOMANDAZZJONIJIET

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**tat-13 ta' Lulju 2010**

**dwar linji gwida ġenerali għall-politika ekonomika tal-Istati Membri u tal-Unjoni**

(2010/410/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Billi:

(1) It-Trattat jipprovdi li l-Istati Membri għandhom iqisu l-politika ekonomika tagħhom bħala kwistjoni ta' interess komuni u jikkoordinawhom fi ħdan il-Kunsill. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, l-Unjoni Ewropea żviluppat u implimentat strumenti ta' koordinazzjoni tal-politika għall-politika fiskali (il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir) u linji politiċi makrostrutturali.

(2) It-Trattat jipprovdi li l-Kunsill għandu jadotta linji gwida dwar l-impjiegi u linji gwida ġenerali dwar il-politika ekonomika bħala gwida għal-linji politiċi tal-Istati Membri.

(3) L-Istrateġija ta' Lisbona, varata fis-sena 2000, kienet imsejsa fuq rikonoxximent tal-ħtieġa tal-Unjoni Ewropea li jiżdiedu l-impjiegi, il-produttività u l-kompetittività, waqt li tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali, fid-dawl ta' kompetizzjoni globali, tibdil teknoloġiku, sfidi ambjentali u popolazzjoni li qed tixjieħ. L-Istrateġija ta' Lisbona ġiet varata mill-ġdid fl-2005, wara analiżi ta' nofs it-terminu li wasslet għal enfasi aktar qawwija fuq it-tkabbir u aktar impjiegi ta' kwalità aħjar.

(4) L-Istrateġija ta' Lisbona għat-tkabbir u l-impjiegi għenet biex jintlaħaq kunsens dwar id-direzzjoni ġenerali tal-politika ekonomika u tal-impjiegi tal-Unjoni. Taħt din l-istrateġija, fl-2005 [1] l-Kunsill adotta kemm linji gwida ġenerali dwar il-politika ekonomika kif ukoll linji gwida dwar l-impjiegi, li ġew riveduti fl-2008 [2]. L-24 linja gwida stabbilixxew il-pedament għall-programmi nazzjonali ta' riforma, u fissru l-prijoritajiet ewlenin tar-riforma makroekonomika, mikroekonomika u tas-suq tax-xogħol għall-Unjoni kollha kemm hi. Madanakollu, l-esperjenza turi li l-linji gwida ma kinux jistabbilixxu prijoritajiet ċari biżżejjed u li r-rabta ta' bejniethom setgħet kienet aktar b'saħħitha. Dan żamm lura l-impatt tagħhom fuq it-tfassil tal-linji politiċi nazzjonali.

(5) Il-kriżi ekonomika u finanzjarja li bdiet fl-2008 rriżultat f'telfien sinifikanti ta' impjiegi u ta' produttività potenzjali u wasslet għal deterjorament drammatiku fil-finanzi pubbliċi. Madanakollu, il-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku [3] għen lill-Istati membri jindirizzaw il-kriżi, fost oħrajn permezz ta' stimolu fiskali kkoordinat, bl-euro bħala ankra ta' stabbiltà makroekonomika. Għaldaqstant il-kriżi wriet li, jekk tissaħħaħ u ssir effettiva, il-koordinazzjoni tal-politika ekonomika tista', fil-livell tal-Unjoni, twassal għal riżultati sinifikanti. Il-kriżi enfasizzat ukoll l-interdipendenza mill-qrib tal-ekonomiji tal-Istati Membri u s-swieq tal-impjiegi.

(6) Il-Kummissjoni pproponiet li tistabbilixxi strateġija ġdida għad-deċennju li ġej, l-Istrateġija Ewropa 2020 [4], li tippermetti lill-Unjoni toħroġ aktar b'saħħitha mill-kriżi, u biex tittrasforma l-ekonomija tagħha f'waħda intelliġenti, sostenibbli u ta' tkabbir inklużiv. Ħames miri ewlenin, elenkati taħt il-linji gwida rilevanti, jikkostitwixxu għanijiet komuni li jiggwidaw l-azzjonijiet tal-Istati Membri, b'kont meħud tal-pożizzjonijiet relattivi tagħhom tal-bidu u ċ-ċirkostanzi nazzjonali, u tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz biex jilħqu l-miri nazzjonali u biex ineħħu l-ostakoli li joħonqu t-tkabbir.

(7) Bħala parti mill-"istrateġiji ta' ħruġ" komprensivi għall-kriżi ekonomika, l-Istati Membri għandhom iwettqu programmi ta' riforma ambizzjużi biex jiżguraw l-istabbiltà makroekonomika u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, itejbu l-kompetittività, u jnaqqsu l-iżbilanċi makroekonomiċi u jsaħħu l-prestazzjoni tas-suq tal-impjiegi. Il-miżuri temporanji li ddaħħlu bħala tweġiba għall-kriżi għandhom jitneħħew b'manjiera kkoordinata kif ikun meħtieġ ladarba jkun ġie żgurat l-irkupru. It-tneħħija tal-istimolu fiskali għandha tiġi implimentata u kkoordinata fi ħdan il-qafas tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

[1] COM(2005) 141.
[2] COM(2007) 803.
[3] COM(2009) 615, 19.11.2009.
[4] COM(2010) 2020, 3.3.2010.

(8) Fi ħdan l-istrateġija Ewropa 2020, l-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jimplimentaw riformi bl-għan ta' "tkabbir intelliġenti", jiġifieri tkabbir immexxi mill-konoxxenza u l-innovazzjoni. Ir-riformi għandu jkollhom l-għan tat-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni, l-iżgurar tal-aċċess għal kulħadd, it-tisħiħ tar-riċerka u tal-prestazzjoni tan-negozji, u t-titjib ulterjuri tal-qafas regolatorju sabiex jitħeġġu l-innovazzjoni t-trasferiment tal-konoxxenza fl-Unjoni kollha. Huma għandhom jinkoraġġixxu l-intraprenditorija u jgħinu biex ideat kreattivi jinbidlu fi prodotti, servizzi u proċessi innovattivi li jkunu jistgħu joħolqu tkabbir, impjiegi ta' kwalità, koeżjoni territorjali ekonomika u soċjali, u jindirizzaw b'mod aktar effiċjenti l-isfidi tas-soċjetà kemm fuq livell Ewropew kif ukoll globali. F'dan il-kuntest huwa essenzjali li jsir l-aħjar użu mit-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

(9) Il-linji politiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri, inklużi l-programmi tagħhom ta' riforma, għandu jkollhom l-għan ta' "tkabbir sostenibbli". Tkabbir sostenibbli jfisser li t-tkabbir ekonomiku jiġi sseparat mill-użu tar-riżorsi, u tinbena ekonomija b'użu effiċjenti ta' enerġija u riżorsi, sostenibbli u kompetittiva, distribuzzjoni ekwa tal-ispejjeż u l-benefiċċji filwaqt li jittieħed vantaġġ mit-tmexxija Ewropea fit-tellieqa għall-iżvilupp ta' proċessi u teknoloġiji ġodda, fosthom teknoloġiji ekoloġiċi. L-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jimplimentaw ir-riformi meħtieġa biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u jużaw ir-riżorsi b'mod effiċjenti, li wkoll jgħin fil-prevenzjoni tad-degradazzjoni ambjentali u t-telf tal-bijodiversità. Huma għandhom ukoll itejbu l-ambjent kummerċjali, jistimolaw il-ħolqien ta' impjiegi ekoloġiċi u jgħinu lill-intrapriżi jimmodernizzaw il-bażi industrijali tagħhom.

(10) Il-linji politiċi tal-Unjoni u l-programmi ta' riforma tal-Istati Membri għandhom finalment ukoll jimmiraw għal "tkabbir inkluživ". Tkabbir inkluživ ifisser il-bini ta' koeżjoni soċjali fejn il-persuni jingħataw is-setgħa li jantiċipaw u jamministraw il-bidla, u b'hekk jagħtu s-sehem attiv tagħhom fis-soċjetà u fl-ekonomija. Ir-riformi tal-Istati Membri għalhekk għandhom jiżguraw aċċess u opportunitajiet għal kulħadd fiċ-ċiklu tal-ħajja kollu, biex b'hekk jonqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali, permezz tal-eliminazzjoni tal-barrieri għall-parteċipazzjoni fis-suq tal-impjiegi b'mod speċjali għan-nisa, ħaddiema anzjani, żgħażagħ, persuni b'diżabbiltà u migranti legali.

F'dawn il-linji politiċi kollha għandhom jieħdu kont tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Għandhom jiżguraw ukoll li l-benefiċċji tat-tkabbir ekonomiku jilħqu liċ-ċittadini kollha u lir-reġjuni kollha. Għaldaqstant, l-iżgurar tal-funzjonament effettiv tas-swieq tal-impjiegi permezz ta' investiment fi transizzjonijiet ta' suċċess, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet adegwati, it-titjib fil-kwalità tal-impjiegi u l-ġlieda kontra s-segmentazzjoni, il-qgħad strutturali u l-inattività waqt li jiġi żgurat ħarsien soċjali adegwat u sostenibbli u inklużjoni attiva biex jonqos il-faqar, b'rispett fl-istess ħin tal-konsolidazzjoni fiskali miftiehma, għandhom ikunu fil-qalba tal-programmi ta' riforma tal-Istati Membri.

(11) Bħala element essenzjali, l-Istati Membri u l-Unjoni għandhom ikomplu jespandu l-isforzi tagħhom biex itejbu l-qafas regolatorju tagħhom, speċjalment għall-intrapriżi Ewropej. Billi jsaħħu l-istrumenti tagħhom ta' regolamentazzjoni intelliġenti, l-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jiggarantixxu li l-leġislazzjoni tkun imfassla tajjeb, proporzjonata, riveduta regolarment u ma toħloqx piżijiet mhux meħtieġa. Il-kisba tal-miri għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi tibqa' prijorità.

(12) Ir-riformi strutturali tal-Unjoni u tal-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu b'mod effettiv għat-tkabbir u l-impjiegi jekk itejbu l-kompetittività tal-Unjoni fl-ekonomija globali, jiftħu opportunitajiet ġodda għall-esportaturi Ewropej u jipprovdu aċċess kompetittiv għall-importazzjonijiet essenzjali. Għaldaqstant ir-riformi għandhom iqisu l-implikazzjonijiet tal-kompetittività esterna tagħhom biex iwasslu għal tkabbir u parteċipazzjoni Ewropea fi swieq miftuħa u ekwi madwar id-dinja.

(13) L-istrateġija Ewropa 2020 għandha tkun mirfuda b'ġabra integrata ta' linji politiċi Ewropej u nazzjonali, li l-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jimplimentaw b'mod sħiħ u b'pass simili, biex jinkisbu l-effetti pożittivi aktar mifruxa tar-riformi strutturali kkoordinati, u kontribut aktar konsistenti mil-linji politiċi Ewropej għall-objettivi tal-Istrateġija, b'kont meħud tal-pożizzjonijiet nazzjonali tal-bidu.

(14) Waqt li dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-Istati Membri u l-Unjoni, l-istrateġija Ewropa 2020 għandha tiġi implimentata bi sħab mal-awtoritajiet kollha nazzjonali, reġjonali u lokali, il-parlamenti assoċjati mill-qrib, kif ukoll l-imsieħba soċjali u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, li għandhom jikkontribwixxu għall-elaborazzjoni ta' programmi nazzjonali ta' riforma, l-implimentazzjoni tagħhom u l-komunikazzjoni ġenerali dwar l-istrateġija.

(15) L-istrateġija Ewropa 2020 hija mirfuda minn ġabra iżgħar ta' linji gwida, li jissostitwixxi l-ġabra preċedenti ta' 24 u jindirizzaw l-impjiegi u l-kwistjonijiet ta' politika ekonomika ġenerali b'manjiera koerenti. Il-linji gwida għall-politika ekonomika tal-Istati Membri u tal-Unjoni, annessi ma' din ir-Rakkomandazzjoni, huma marbuta intrinsikament mal-linji gwida relevanti għal-linji politiċi dwar l-impjiegi. Flimkien huma jifformaw il-"linji gwida integrati tal-istrateġija Ewropa 2020".

(16) Dawn il-linji gwida integrati ġodda huma konformi mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew. Huma jagħtu gwida preċiża lill-Istati Membri dwar id-definizzjoni tal-programmi nazzjonali tagħhom ta' riforma u l-implimentazzjoni tar-riformi, jirriflettu l-interdipendenza u huma konformi mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Il-linji gwida ser jifformaw il-bażi għal kwalunkwe rakkomandazzjoni speċifika għal pajjiżi partikolari li l-Kunsill jista' jindirizza lill-Istati Membri, jew, fil-każ tal-linji gwida ġenerali dwar il-politika ekonomika, għal twissijiet ta' politika li l-Kummissjon tista' toħroġ f'każijiet fejn is-segwitu għal rakkomadazzjonijiet speċifiċi għal pajjiżi partikolari jkun insuffiċjenti.

(17) Dawn il-linji gwida għandhom jibqgħu stabbli sal-2014 biex tiġi żgurata enfasi fuq l-implimentazzjoni,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

(1) L-Istati Membri, u fejn ikun rilevanti l-Unjoni Ewropea, fil-politika ekonomika tagħhom għandhom jieħdu kont tal-linji gwida li jinsabu fl-Anness.

(2) L-Istati Membri għandhom ifasslu programmi nazzjonali ta' riforma li jkunu konsistenti mal-għanijiet stabbiliti fil-"Linji gwida integrati tal-istrateġija Ewropa 2020".

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

D. REYNDERS

*ANNESS*

**Linji gwida ġenerali għall-politika ekonomika tal-Istati Membri u tal-Unjoni**

Linja gwida 1: L-iżgurar tal-kwalità u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi

L-Istati Membri għandhom jimplimentaw vigorożament strateġiji ta' konsolidazzjoni baġitarja taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST) u b'mod partikolari rakkomandazzjonijiet indirizzati lil Stati Membri taħt il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv, u/jew f'memoranda ta' spjegazzjoni, fil-każ ta' appoġġ għall-bilanċ tal-ħlasijiet. B'mod partikolari l-Istati Membri għandhom jiksbu l-konsolidazzjoni b'mod konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill u jilħqu l-objettivi tagħhom għal żmien medju b'mod konformi mal-PST. Mingħajr preġudizzju għall-qafas legali tal-PST, għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri dan ifisser il-kisba ta' konsolidazzjoni ferm lil hinn mill-punt ta' riferiment ta' 0,5 % tal-prodott domestiku gross (PDG) kull sena f'termini strutturali sakemm il-proporzjonijiet tad-dejn ikunu qed jonqsu b'rata sostanzjali. Il-konsolidazzjoni fiskali għandha tibda sa mhux aktar tard mill-2011, u aktar kmieni f'xi Stati Membri fejn iċ-ċirkostanzi ekonomiċi jippermettu dan, dment li l-previżjonijiet tal-Kummissjoni jibqgħu jindikaw li l-irkupru qed jissaħħaħ u jista' jsostni lilu nnifsu.

Fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-konsolidazzjoni baġitarja l-istrateġiji għandhom jiffokaw fuq it-trażżin tal-infiq u jagħtu prijorità lill-infiq li jsaħħaħ it-tkabbir f'oqsma bħall-edukazzjoni, il-ħiliet u l-impjegabbiltà, ir-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni u l-investiment f'netwerks b'impatti pożittivi fuq il-produttività, fejn ikun meħtieġ pereżempju l-Internet b'veloċità qawwija, l-enerġija u l-interkonnessjonijiet u l-infrastruttura tat-trasport. Fejn ikun hemm il-ħtieġa ta' żiediet fit-taxxi, kemm jista' jkun dan għandu jsir flimkien ma' miżuri li jwasslu biex is-sistemi fiskali jkunu aktar favorevoli għall-impjiegi, l-ambjent u t-tkabbir pereżempju billi l-piż fiskali jitmexxa għal fuq attivitajiet li huma ta' ħsara għall-ambjent. Is-sistemi fiskali u tal-benefiċċji għandhom jipprovdu inċentivi aħjar sabiex iħajru lin-nies jaħdmu.

Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom isaħħu l-oqfsa baġitarji nazzjonali, itejbu l-kwalità tan-nefqa pubblika kif ukoll is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, u jimmiraw b'mod partikolari għal tnaqqis determinat tad-dejn, riforma tan-nefqa pubblika marbuta mal-età, bħall-pensjonijiet u n-nefqa għall-kura tas-saħħa, u linji politiċi li jikkontribwixxu għażżieda fl-impjiegi u l-etajiet effettivi tal-irtirar biex ikun żgurat li n-nefqa pubblika marbuta mal-età u s-sistemi tal-ħarsien soċjali jkunu finanzjarjament sostenibbli.

L-effiċjenza tal-baġit u l-kwalità tal-finanzi pubbliċi huma wkoll importanti fil-livell tal-Unjoni.

Linja gwida 2: L-indirizzar tal-iżbilanċi makroekonomiċi

L-Istati Membri għandhom jevitaw żbilanċi ekonomiċi insostenibbli, li jirriżultaw l-aktar mill-iżviluppi fil-kontijiet kurrenti, is-swieq tal-assi u l-karti tal-bilanċ tas-setturi tal-entitajiet domestiċi u tal-kumpanniji. L-Istati Membri bi żbilanċi kbar fil-kontijiet kurrenti li għandhom l-għeruq tagħhom f'nuqqas persistenti ta' kompetittività jew minħabba raġunijiet oħra għandhom jindirizzaw il-kawżi sottostanti billi jieħdu azzjoni dwar, pereżempju, il-politika fiskali, l-iżviluppi tal-pagi, ir-riformi strutturali rigward swieq ta' prodotti u servizzi finanzjarji (inkluż il-fluss ta' kapital li jagevola l-produttività), is-swieq tal-impjiegi, f'konformità mal-linji gwida dwar l-impjiegi, jew kwalunkwe qasam ta' politika ieħor rilevanti. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-aħjar kundizzjonijiet qafas għal sistemi ta' negozjar tal-pagi u żviluppi ta' spejjeż tax-xogħol konsistenti mal-istabbiltà tal-prezzijiet, ix-xejriet tal-produttività fuq tul ta' żmien medju u l-ħtieġa li jonqsu l-iżbilanċi makroekonomiċi. F'każijiet adatti, l-iffissar adegwat tal-pagi fis-settur pubbliku għandu jitqies bħala sinjal importanti li jiżgura l-moderazzjoni tal-pagi fis-settur privat f'konformità mal-ħtieġa li titjieb il-kompetittività. Qafas li jiffissa l-pagi, inklużi l-pagi minimi, għandu jippermetti proċessi għall-formazzjoni tal-pagi li jieħdu kont tad-differenzi fil-ħiliet u l-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol lokali u jwieġbu għad-diverġenzi kbar fil-prestazzjoni ekonomika bejn ir-reġjuni, is-setturi u l-kumpanniji ġewwa pajjiż. L-imsieħba soċjali għandhom rwol importanti f'dan il-kuntest. L-Istati Membri b'bilanċi favorevoli kbar fil-kontijiet kurrenti għandhom ifittxu miżuri li jkollhom l-għan jimplimentaw riformi strutturali li jwasslu għat-tisħiħ tat-tkabbir potenzjali u b'hekk ukoll jirfdu d-domanda domestika. L-indirizzar tal-iżbilanċi makroekonomiċi, inkluż fost l-Istati Membri, ikun qed jgħin ukoll fil-kisba ta' koeżjoni ekonomika.

Linja gwida 3: It-tnaqqis tal-iżbilanċi fiż-żona tal-euro

L-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom iqisu d-diverġenzi kbar u persistenti fil-pożizzjonijiet tal-kontijiet kurrenti u żbilanċi makroekonomiċi oħra bħala kwistjoni ta' interess komuni u jieħdu azzjoni urġenti biex inaqqsu l-iżbilanċi fejn ikun meħtieġ. Hija meħtieġa azzjoni fl-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro, iżda n-natura, l-importanza u l-urġenza tal-isfidi ta' politika jvarjaw ħafna minn pajjiż għal ieħor. Il-vulnerabbiltajiet u l-iskala tal-aġġustament meħtieġ jagħmluha partikolarment urġenti li tittieħed azzjoni ta' politika fl-Istati Membri li juru żbilanċi

fil-kontijiet kurrenti u telfien ta' kompetittività persistentement kbar. Huma għandhom jiksbu tnaqqis permanenti sostanzjali fl-iżbilanċ tal-kontijiet kurrenti. Dawn l-Istati Membri taż-żona tal-euro għandhom ukoll jimmiraw sabiex jonqsu l-ispejjeż unitarji tax-xogħol b'kont meħud tal-iżviluppi fil-produttività fil-livell reġjonali, tas-setturi u tal-kumpanniji, kif ukoll jagħevolaw il-kompetizzjoni fis-swieq tal-prodotti. L-Istati Membri taż-żona tal-euro b'bilanċi favorevoli kbar fil-kontijiet kurrenti għandhom ifittxu miżuri li jkollhom l-għan jimplimentaw riformi strutturali li jwasslu għat-tisħiħ tat-tkabbir potenzjali u b'hekk ukoll jirfdu d-domanda domestika. Bl-istess mod, l-Istati Membri fiż-żona tal-euro għandhom jieħdu azzjoni dwar kwalunkwe żbilanċ makroekonomiku ieħor bħall-akkumulazzjoni ta' dejn privat eċċessiv u d-diverġenza fl-inflazzjoni. Il-barrieri istituzzjonali għall-aġġustament flessibbli tal-prezzijiet u l-pagi għall-kundizzjonijiet tas-suq għandhom jitneħħew. Għandu jsir monitoraġġ mill-qrib tal-iżbilanċi makroekonomiċi fil-Grupp tal-euro, li għandu jipproponi azzjonijiet ta' rimedju kull fejn meħtieġ.

Linja gwida 4: L-aħjar użu mill-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni, it-tisħiħ tat-trijanglu tal-konoxxenza u l-isfruttar tal-potenzjal tal-ekonomija diġitali

L-Istati Membri għandhom jirrevedu s-sistemi nazzjonali (u reġjonali) tar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni, u jiżguraw kundizzjonijiet qafas effettivi u adegwati għall-investiment pubbliku fil-limiti tal-istrateġiji ta' konsolidazzjoni baġitarja taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (Linja gwida 1), u jorjentawhom lejn tkabbir b'rata ogħla waqt li jindirizzaw fejn meħtieġ l-isfidi ewlenin tas-soċjetà (inklużi l-enerġija, l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, it-tibdil fil-klima, il-bijodiversità, il-koeżjoni soċjali u territorjali, ix-xjuħija, il-kura tas-saħħa, u s-sigurtà) b'mod kost-effettiv. B'mod partikolari, l-investiment pubbliku għandu jservi biex iħeġġeġ il-finanzjament privat fir-riċerka u l-iżvilupp. Ir-riformi għandhom iħeġġu l-eċċellenza u l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, jippromwovu l-integrità xjentifika, isaħħu l-kooperazzjoni bejn l-universitajiet, l-istituzzjonijiet ta' riċerka, atturi tas-settur pubbliku, privat u dak terzjarju, kemm internament kif ukoll internazzjonalment u jiżguraw l-iżvilupp ta' infrastrutturi u netwerks li jippermettu t-tixrid tal-konoxxenza. Il-governanza tal-istituzzjonijiet tar-riċerka għandhom jitjiebu biex is-sistemi ta' riċerka nazzjonali jsiru aktar kost-effettivi u produttivi. Għal dan l-għan għandha tiġi mmodernizzata r-riċerka fl-universitajiet, jiġu żviluppati u jsiru aċċessibbli infrastrutturi fost l-aqwa fid-dinja, u ssir promozzjoni ta' karrieri attraenti u mobbiltà għar-riċerkaturi u l-istudenti. Għandhom jiġu adattati u ssimplifikati l-iskemi għall-finanzjament u l-akkwist, b'għajnuna fejn meħtieġ li tiffaċilita l-kooperazzjoni transkonfinali, it-trasferiment tal-konoxxenza u l-kompetizzjoni bbażata fuq il-mertu, li jibnu fuq is-sinerġiji u l-kisba ta' valur ikbar.

Il-linji politiċi tal-Istati Membri b'rabta mar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni għandhom jindirizzaw direttament l-opportunitajiet u l-isfidi nazzjonali u jqisu l-kuntest tal-Unjoni sabiex itejbu l-opportunitajiet ta' ġbir flimkien ta' riżorsi pubbliċi u privati f'oqsma fejn hemm valur miżjud mill-Unjoni, jisfruttaw is-sinerġiji b'fondi tal-Unjoni, u b'hekk jiksbu skala suffiċjenti waqt li jevitaw il-frammentazzjoni. L-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jintegraw l-innovazzjoni fil-linji politiċi rilevanti kollha u jippromwovu l-innovazzjoni f'sens wiesa' (inkluż fl-innovazzjoni mhux teknoloġika). Bl-għan li jippromwovu l-investiment privat fir-riċerka u l-innovazzjoni, l-Istati Membri u l-Unjoni għandhom itejbu l-kundizzjonijiet qafas — speċjalment rigward l-ambjent kummerċjali, swieq kompetittivi u miftuħa, u l-potenzjal ekonomiku kbir tal-industriji kulturali u kreattivi — jikkombinaw, kif meħtieġ, inċentivi fiskali kost-effettivi, li jiddependu minn kemm għandu lok fejn jimmanuvra l-Istat Membru, u strumenti finanzjarji oħra ma' miżuri li jiffaċilitaw l-aċċess għal finanzjament privat (inkluż kapital ta' riskju) u jissimplifikaw l-aċċess għall-SMEs, ikabbru d-domanda, b'mod partikolari fl-eko-innovazzjoni (fejn ikun adatt permezz ta' akkwist pubbliku ekoloġiku u standards interoperabbli), jippromwovu swieq u regolamenti favorevoli għall-innovazzjoni, u jipprovdu protezzjoni u ġestjoni effiċjenti, effettivi u bi prezz li jista' jintlaħaq għall-proprjetà intellettwali. It-tliet naħat kollha tat-trijanglu (edukazzjoni-riċerka-innovazzjoni) għandhom jappoġġaw u jsostnu lil xulxin. F'konformità mal-linji gwida 8 u 9, l-Istati Membri għandhom jarmaw lill-persuni b'firxa wiesgħa ta' kapaċitajiet li huma meħtieġa għall-innovazzjoni fis-suriet kollha tagħha, inkluża l-eko-innovazzjoni, u għandhom ifittxu sabiex jiżguraw provvista suffiċjenti ta' gradwati fix-xjenza, il-matematika u t-teknoloġija.

L-Istati Membri u l-Unjoni għandhom idaħħlu fis-seħħ il-kundizzjonijiet qafas adatti għall-iżvilupp rapidu ta' suq diġitali uniku li joffri kontenut u servizzi onlajn faċilment aċċessibbli. L-Istati Membri għandhom jippromwovu t-tifrix u t-teħid tal-Internet b'veloċità qawwija bħala mezz essenzjali ta' aċċess għall-konoxxenza u l-parteċipazzjoni fil-ħolqien tiegħu. Il-finanzjament pubbliku għandu jkun kost-effiċjenti u mmirat biex jindirizza l-fallimenti tas-suq. Il-linji politiċi għandhom jirrispettaw il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika. L-Istati Membri għandhom ifittxu li jnaqqsu l-ispejjeż tat-tifrix tan-netwerk, b'mod partikolari billi jsaħħu l-koordinazzjoni tax-xogħlijiet pubbliċi. L-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jippromwovu l-introduzzjoni u l-użu ta' servizzi onlajn moderni u aċċessibbli, fosthom permezz tal-iżviluppar ulterjuri tal-gvern elettroniku, il-firma elettronika, l-identità elettronika u ħlas elettroniku; jappoġġaw il-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà diġitali, b'mod partikolari billi jippromwovu l-aċċess għal kontenut u servizzi kulturali inkluż bil-mezzi tal-informazzjoni u l-kompetenza diġitali; u jippromwovu ambjent ta' sigurtà u fiduċja.

*Il-mira ewlenija tal-Unjoni Ewropea, li fuq il-bażi tagħha l-Istati Membri ser jistabbilixxu l-miri nazzjonali tagħhom, hi li jitjiebu l-kundizzjonijiet għar-riċerka u l-iżvilupp, b'mod partikolari bl-għan li sal-2020 il-livell tal-investiment pubbliku u privat flimkien jinġieb għal 3 % tal-PDG. Il-Kummissjoni ser tfassal indikatur li jirrifletti l-intensità tar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni.*

Linja gwida 5: It-titjib tal-użu effiċjenti tar-riżorsi u t-tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra

L-Istati Membri u l-Unjoni għandhom idaħħlu fis-seħħ miżuri li jippromwovu s-separazzjoni tat-tkabbir ekonomiku mill-użu tar-riżorsi, jibdlu l-isfidi ambjentali f'opportunitajiet għat-tkabbir u jagħmlu użu aktar effiċjenti mir-riżorsi naturali tagħhom, li wkoll jgħin fil-prevenzjoni tad-degradazzjoni ambjentali u jiżgura l-bijodiversità. Huma għandhom jimplimentaw ir-riformi strutturali meħtieġa biex jirnexxu, taħt restrizzjonijiet globali li qed jiżdiedu fuq il-karbonju u r-riżorsi, fil-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda għall-kummerċ u l-impjiegi. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom ikomplu jagħmlu sforzi biex jaċċelleraw il-ħolqien ta' suq intern tal-enerġija integrat u kompletament funzjonanti biex jippermettu ċ-ċirkolazzjoni mingħajr ostakoli tal-gass u l-elettriku. Biex inaqqsu l-emissjonijiet u jtejbu l-effiċjenza, l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu estensiv minn strumenti bbażati fuq is-suq, b'appoġġ għall-prinċipju tal-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni, inkluża t-tassazzjoni, u strumenti oħra ta' appoġġ effettivi biex inaqqsu l-emissjonijiet u jadattaw aħjar għat-tibdil fil-klima, jappoġġaw l-impjiegi u t-tkabbir sostenibbli u l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi b'manjiera kost-effettiva, jinċentivaw l-użu ta' enerġija rinnovabbli u teknoloġiji b'użu baxx ta' karbonju u adattabbli għat-tibdil fil-klima, jersqu lejn modi ta' trasport aktar favorevoli għall-ambjent u interkonnessi, u jippromwovu l-iffrankar tal-enerġija u l-eko-innovazzjoni. L-Istati Membri għandhom jeliminaw gradwalment is-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent u jiżguraw tqassim ġust tal-ispejjeż u l-benefiċċji tagħhom.

L-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jużaw strumenti regolatorji, non-regolatorji u fiskali, pereżempju standards ta' prestazzjoni fl-enerġija għall-Unjoni kollha rigward prodotti u bini, tikkettar, u 'akkwist ekoloġiku', biex jinċentivaw it-transizzjoni kost-effettiva tal-mudelli tal-produzzjoni u l-konsum, jippromwovu r-riċiklaġġ, iwettqu t-transizzjoni lejn effiċjenza fl-enerġija u r-riżorsi u ekonomija sigura u sostenibbli b'użu baxx ta' karbonju, u jiżguraw il-progress lejn trasport aktar sostenibbli u produzzjoni ta' enerġija sigura u nadifa waqt li jimmassimizzaw is-sinerġiji Ewropej f'dan ir-rigward u jieħdu kont tal-kontribut tal-agrikoltura sostenibbli. L-Istati Membri għandhom iħabirku b'mod deċiżiv biex ikollhom infrastrutturi tat-trasport u tal-enerġija li jkunu intelliġenti, modernizzati u kompletament interkonnessi, jużaw it-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, konformement mal-Linja gwida 4, biex jiksbu żieda fil-produttività, jiżguraw l-implimentazzjoni kkoordinata tal-proġetti ta' infrastruttura u jappoġġaw l-iżvilupp ta' swieq ta' netwerks miftuħa, kompetittivi u integrati.

*Il-mira ewlenija tal-Unjoni Ewropea, li fuq il-bażi tagħha l-Istati Membri ser jistabbilixxu l-miri nazzjonali tagħhom, hija li sal-2020 l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra jonqsu b'20 % mqabbel mal-livelli tal-1990; il-perċentwal ta' għejun ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum totali tagħna tal-enerġija tiżdied għal 20 %; u li noqorbu lejn żieda ta' 20 % fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija; l-Unjoni hija impenjata li tieħu deċiżjoni li tasal għal tnaqqis ta' 30 % sal-2020 meta mqabbel mal-livelli tal-1990, bħala l-offerta kondizzjonali tagħha bil-ħsieb ta' ftehim globali u komprensiv għall-perijodu wara l-2012, dment li pajjiżi żviluppati oħra jimpenjaw ruħhom għal tnaqqis komparabbli fl-emissjonijiet u li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw jikkontribwixxu adegwatament konformement mar-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet rispettivi tagħhom.*

Linja gwida 6: It-titjib tal-ambjent kummerċjali u tal-konsum, u l-immodernizzar u l-iżvilupp tal-bażi industrijali biex ikun żgurat il-funzjonament sħiħ tas-suq intern

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-swieq jiffunzjonaw għaċ-ċittadini, il-konsumaturi, u l-intrapriżi. Filwaqt li jiżguraw il-protezzjoni tal-konsumaturi, l-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jistabbilixxu kundizzjonijiet qafas prevedibbli u jiżguraw swieq tal-prodotti u s-servizzi li jkunu miftuħa, kompetittivi u jiffunzjonaw tajjeb. B'mod partikolari, dawn l-azzjonijiet għandhom jimmiraw għall-approfondiment tas-suq uniku u s-sistema ta' regolamentazzjoni, speċjalment fis-settur finanzjarju, kif ukoll għall-promozzjoni ta' kundizzjonijiet ekwivalenti fis-swieq finanzjarji f'livell globali, l-implimentazzjoni effettiva u l-infurzar tar-regoli tas-suq uniku u tal-kompetizzjoni, u l-iżvilupp tal-infrastruttura fiżika neċessarja, anke bil-ħsieb li jonqsu d-disparitajiet reġjonali.

Id-dimensjoni esterna tas-suq intern għandha tiġi żviluppata aktar bl-għan tat-tisħiħ tal-kummerċ u l-investiment. Fil-kuntest tas-suq uniku għandha tingħata l-attenzjoni dovuta għar-rispett tal-forniment xieraq tas-servizzi ta' interess ġenerali. L-Istati Membri għandhom jissoktaw bit-titjib tal-ambjent kummerċjali billi jimmodernizzaw l-amministrazzjonijiet pubbliċi, itejbu l-governanza tal-kumpanniji, ineħħu l-ostakoli li għad fadal għas-suq intern, jeliminaw il-piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa u jevitaw piżijiet ġodda mhux meħtieġa billi japplikaw strumenti ta' regolamentazzjoni intelliġenti, inkluż billi jiżviluppaw aktar servizzi interoperabbli tal-gvern elettroniku, ineħħu l-ostakoli fiskali, jappoġġaw l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs), itejbu l-aċċess tagħhom għas-suq uniku konformement mas-'Small Business Act għall-Ewropa' u l-prinċipju 'L-ewwel Aħseb fiż-Żgħir', jiżguraw swieq tas-servizzi finanzjarji stabbli u integrati, jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzi, itejbu l-kundizzjonijiet li jippromwovu l-aċċess għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-protezzjoni tagħhom, jappoġġaw l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs u jippromwovu l-intraprenditorija, inkluża dik femminili. L-akkwist pubbliku għandu jinkoraġġixxi l-innovazzjoni, b'mod partikolari għall-SMEs, u jappoġġa t-transizzjoni lejn ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u l-enerġija (konformement mal-Linja gwida 5), waqt li jirrispetta l-prinċipji ta' suq miftuħ, trasparenza u kompetizzjoni effettiva.

L-Istati Membri għandhom jappoġġaw bażi industrijali moderna, innovattiva, diversifikata, kompetittiva, b'użu baxx ta' karbonju, u effiċjenti fl-użu ta' riżorsi u enerġija, fost oħrajn billi jiffaċilitaw ir-ristrutturar meħtieġ b'manjiera kost-effettiva u f'konformità sħiħa mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u ma' regoli rilevanti oħra. F'dan il-kuntest l-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw mill-ġdid il-fondi tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jaħdmu mill-qrib mal-industrija u mal-partijiet interessati biex jikkontribwixxu għar-rwol ewlieni u l-kompetittività tal-Unjoni fi żvilupp globali sostenibbli u inklużiv, b'mod partikolari billi jħeġġu r-responsabbiltà soċjali tal-kumpanniji, jidentifikaw l-ostakoli u jippermettu l-bidla.